SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

17 ta' Mejju 2017 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Libertà ta' stabbiliment — Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq id-dħul tal-kumpanniji — Tqassim ta' dividendi — Taxxa f'ras il-għajn — Taxxa doppja — *Fairness Tax*"

Fil-Kawża C-68/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Grondwettelijk Hof (qorti kostituzzjonali, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Frar 2015, fil-proċedura

X

vs

Ministerraad,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, E. Regan, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev u C. G. Fernlund (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-22 ta' Ġunju 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal X, minn T. Engelen, L. Ketels u P. Renier, advocaten,

— għall-Gvern Belġjan, minn J.-C. Halleux u D. Delvaux kif ukoll minn M. Jacobs u C. Pochet, bħala aġenti,

— għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas u J.-S. Pilczer kif ukoll minn S. Ghiandoni, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Roels u C. Soulay, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2016,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE u tal-Artikolu 4(3) kif ukoll tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE, tat-30 ta' Novembru 2011, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali [omm] u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU 2011, L 345, p. 8, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn X u l-Ministerraad (kunsill tal-ministri, il-Belġju) rigward rikors intiż għall-annullament tad-dispożizzjonijiet ta' dritt nazzjonali li jistabbilixxu taxxa separata mit-taxxa fuq il-kumpanniji u mit-taxxa fuq il-persuni mhux residenti, imsejħa "*fairness tax*", li għaliha huma suġġetti l-kumpanniji residenti u mhux residenti meta dawn il-kumpanniji jqassmu dividendi li ma jinsabux, minħabba l-użu ta' ċerti vantaġġi fiskali previsti mis-sistema fiskali nazzjonali, fil-profitt taxxabbli finali tagħhom.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont il-premessa 3 tad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji, l-għan ta' din id-direttiva huwa li teżenta mit-taxxa f'ras il-għajn id-dividendi u profitti oħra mqassma minn sussidjarji lill-kumpannija omm tagħhom, u li telimina t-taxxa doppja ta' dan id-dħul fuq il-livell tal-kumpannija omm.

4 Il-premessi 7 u 9 ta' din id-direttiva jgħidu:

"(7) Meta, bis-saħħa tal-assoċjazzjoni tagħha mal-kumpannija sussidjarja tagħha, il-kumpannija prinċipali tirċievi profitti mqassma, l-Istat Membru tal-kumpannija prinċipali jrid jew jibqa' lura milli jintaxxa dan il-qligħ, jew jintaxxa dan il-qligħ filwaqt li jawtorizza lill-kumpannija prinċipali li tnaqqas mill-ammont tat-taxxa mistħoqqa dak il-frazzjon tat-taxxa fuq il-korporazzjoni mħallas mill-kumpannija sussidjarja li jkollha x'taqsam ma' dan il-qligħ.

[…]

(9) Il-ħlas tad-distribuzzjonijiet tal-qligħ lil stabbiliment permanenti ta' kumpannija prinċipali u l-irċevuta tagħhom minnha għandhom joħolqu l-istess trattament bħal dak li japplika bejn sussidjarja u l-kumpannija prinċipali tagħha. […]"

5 L-Artikolu 4(1) u (3) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"1. Meta kumpannija prinċipali jew l-istabbiliment permanenti tagħha jirċievu qligħ imqassam bis-saħħa tal-assoċjazzjoni tal-kumpannija prinċipali mas-sussidjarja tagħha, l-Istat Membru tal-kumpannija prinċipali u l-Istat Membru tal-istabbiliment permanenti tagħha għandhom, għajr meta s-sussidjarja tiġi llikwidata, jew:

a) iżommu lura milli jintaxxaw dan il-qligħ; jew;

b) jintaxxaw dan il-qligħ filwaqt li jawtorizzaw lill-kumpannija prinċipali u lill-istabbiliment permanenti li jnaqqsu mill-ammont mistħoqq tat-taxxa dak il-frazzjon tat-taxxa fuq il-korporazzjonijiet li jkollu x'jaqsam ma' dan il-qligħ u mħallas mis-sussidjarja u minn kull

sussidjara fi skala iktar baxxa, suġġett għall-kondizzjoni illi f'kull skala kumpannija u s-sussidjara tal-iskala iktar baxxa tagħha jaqgħu taħt id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 u jissodisfaw il-ħtiġiet previsti fl-Artikolu 3, sal-limitu tal-ammont tat-taxxa mistħoqqa korrispondenti.

[…]

3. Kull Stat Membru għandu jżomm l-għażla li jipprovdi li kull spiża li jkollha x'taqsam mal-investiment u kull telf li jirriżulta mit-tqassim tal-qligħ tal-kumpannija sussidjarja ma jistgħux jitnaqqsu mill-qligħ taxxabbli tal-kumpannija prinċipali.

Meta l-ispejjeż tal-ġestjoni li jkollhom x'jaqsmu mal-investiment f'dan il-każ jiġu stabbiliti bħala rata fissa, l-ammont stabbilit ma jistax jaqbeż il 5 % tal-qligħ mqassam mill-kumpannija sussidjarja."

6 L-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji jipprevedi:

"Il-qligħ li sussidjarja tqassam lill-kumpannija prinċipali tagħha għandhom ikunu eżentati mit-taxxa fuq l-interessi [taxxa f'ras il-għajn]."

Id-dritt Belġjan

7 Il-wetboek van de inkomstenbelastingen 1992 (il-kodiċi dwar it-taxxa fuq id-dħul tal-1992) ġie emendat bil-wet houdende diverse bepaligen (liġi li tistabbilixxi diversi dispożizzjonijiet), tat-30 ta' Lulju 2013 (*Belgisch Staatsblad*, tal-1 ta' Awwissu 2013) (iktar 'il quddiem, is-"CIR 92"). Il-Kapitolu 15 ta' din il-liġi tat-30 ta' Lulju 2013 jinkludi sezzjoni 2, li s-subsezzjoni tagħha 1 hija intitolata "*Fairness Tax*". Din is-subsezzjoni hija magħmula mill-Artikoli 43 sa 51 ta' din, li jemendaw l-Artikoli 198, 207, 218, 219b, 233, 246, 275 u 463a tas-CIR 92.

8 Skont l-Artikolu 198(1), 1°, tas-CIR 92:

"Ma jitqisux spejjeż tan-negozju:

1° it-taxxa fuq il-kumpanniji, inklużi l-valutazzjonijiet tat-taxxa separati dovuti taħt l-Artikoli 219a sa 219c, is-somom mħallsa għat-taxxa fuq il-kumpanniji u t-taxxa fuq id-dħul minn mobbli dovuta mid-debitur tad-dħul b'ħelsien lill-benefiċjarju bi ksur tal-Artikolu 261, iżda bl-esklużjoni tal-valutazzjoni tat-taxxa separata dovuta taħt l-Artikolu 219."

9 It-tieni paragrafu tal-Artikolu 207 ta' dan il-kodiċi jipprevedi:

"L-ebda wieħed minn dan it-tnaqqis jew kumpens bit-telf fir-rigward tal-perijodu taxxabbli ma jista' jsir fuq il-parti tal-profitt li ġejja minn vantaġġi mhux normali jew mingħajr ħlas imsemmija fl-Artikolu 79, u lanqas fuq il-vantaġġi finanzjarji jew ta' kwalunkwe natura oħra rċevuti, imsemmija fl-Artikolu 53, 24°, u lanqas fuq il-bażi tal-valutazzjoni tat-taxxa separata speċjali stabbilita fuq l-ispejjeż jew il-vantaġġi ta' kwalunkwe natura, mhux iġġustifikati skont l-Artikolu 219, u lanqas fuq il-parti tal-profitti li huma allokati għall-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 198(1), 9° u 12°, u lanqas fuq il-parti tal-profitti li ġejjin min-nuqqas ta' osservanza tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 194c(2) u l-applikazzjoni tal-Artikolu 194c(4), u lanqas fuq il-valur miżjud imsemmi fl-Artikolu 217, 3°, u lanqas fuq id-dividendi msemmija fl-Artikolu 219b."

10 L-Artikolu 218(1) tal-imsemmi kodiċi huwa fformulat kif ġej:

"It-taxxa kkalkolata skont l-Artikoli 215 sa 217 u l-valutazzjoni tat-taxxa separata msemmija fl-Artikolu 219b jistgħu jiżdiedu kif previst fil-qasam tat-taxxa tal-persuni fiżiċi mill-Artikoli 157 sa 168, fl-assenza jew fl-insuffiċjenza ta' ħlas bil-quddiem.

B'deroga mill-Artikoli 160 u 165, il-limitazzjoni taż-żieda sa 90 % u ż-żieda tal-bażi ta' kalkolu għal 106 % tat-taxxa dovuta lill-Istat, ma humiex madankollu applikabbli."

11 L-Artikolu 219b ta' dan il-kodiċi jipprevedi:

" § 1 Għall-perijodu taxxabbli li matulu ġew imqassma dividendi fis-sens tal-ewwel paragarfu tal-Artikolu 18, 1° sa 2a, taxxa separata hija stabbilita u kkalkolata skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi li ġejjin iktar 'il quddiem.

Din il-valutazzjoni tat-taxxa separata hija indipendenti minn, u hija, fejn xieraq, komplementari għal taxxi oħra li huma dovuti taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-kodiċi jew, fejn xieraq, fil-kuntest tal-implementazzjoni ta' dispożizzjonijiet legali speċifiċi.

§ 2. Il-bażi ta' din il-valutazzjoni tat-taxxa separata hija kkostitwita mid-differenza pożittiva bejn, minn naħa, id-dividendi grossi, li ġew imqassma għall-perijodu ta' taxxa u, min-naħa l-oħra, il-profitt taxxabbli finali, li effettivament huwa suġġett għar-rata ta' taxxa fuq il-kumpanniji msemmija fl-Artikoli 215 u 216.

§ 3. Il-bażi taxxabbli stabbilita b'dan il-mod titnaqqas mill-parti tad-dividendi mqassma li joriġinaw minn riżervi ntaxxati f'perijodu preċedenti, u mhux iktar tard milli fis-sena ta' taxxa 2014. Għall-applikazzjoni ta' dan it-tnaqqis, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' riżervi diġà ntaxxati jsir bi prijorità fuq ir-riżervi introdotti l-aħħar.

Għas-sena ta' taxxa 2014, id-dividendi mqassma matul din is-sena ta' taxxa ma jistgħu qatt jittieħdu inkunsiderazzjoni bħala li ġejjin minn riżervi ntaxxati għal din l-istess sena ta' taxxa.

§ 4. Il-bilanċ miksub jiġi mbagħad limitat skont perċentwali li tesprimi r-relazzjoni bejn:

— minn naħa, bħala numeratur, it-tnaqqis effettivament imwettaq għal telf ittrasferit u għal kapital ta' riskju għall-perijodu ta' taxxa, u

— min-naħa l-oħra, bħala denominatur, il-profitt taxxabbli tal-perijodu ta' taxxa mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni eżenzjonijiet fir-rigward ta' deprezzament, dovuti u valur miżjud.

§ 5. Il-bażi ddeterminata skont il-paragrafi preċedenti ma tista' tiġi limitata jew imnaqqsa bl-ebda mod ieħor.

§ 6. Il-valutazzjoni tat-taxxa separata tammonta għal 5 % tal-ammont ikkalkolat b'dan il-mod.

§ 7. Il-kumpanniji li, abbażi tal-Artikolu 15 tal-kodiċi tal-kumpanniji, jitqiesu bħala kumpanniji żgħar għas-sena ta' taxxa marbuta mal-perijodu taxxabbli li matulu jitqassmu d-dividendi, ma humiex suġġetti għall-imsemmija valutazzjoni."

12 It-tielet paragrafu tal-Artikolu 233 tas-CIR 92 jipprevedi:

"Minbarra dan, valutazzjoni tat-taxxa separata hija stabbilita skont ir-regoli previsti fl-Artikolu 219b. Għall-applikazzjoni ta' din il-miżura, f'dak li jirrigwarda l-istabbilimenti Belġjani, 'dividendi mqassma' tfisser il-parti tad-dividendi grossi mqassma mill-kumpannija li tikkorrispondi għall-parti pożittiva tal-profitt kontabbli tal-istabbiliment Belġjan fil-profitt kontabbli globali tal-kumpannija."

13 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 246, 3°, ta' dan il-kodiċi huwa fformulat kif ġej:

"mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 218, il-valutazzjoni tat-taxxa separata prevista fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 233 hija kkalkolata bir-rata ta' 5 %".

14 L-Artikolu 463a(1), 1°, tal-imsemmi kodiċi jipprevedi:

"Bħala kontribuzzjoni ta' kriżi supplementari, huma stabbiliti, għall-benefiċċju esklużiv tal-Istat, 3 ħlasijiet addizzjonali:

1° mat-taxxa fuq il-kumpanniji, mat-taxxa tal-persuni ġuridiċi msemmija fl-Artikolu 220, 2° u 3°, u, għall-persuni taxxabbli msemmija fl-Artikolu 227, 2° u 3°, bl-eċċezzjoni tal-Istati barranin u s-subdiviżjonijiet poliċiti u komunitajiet lokali tagħhom, mat-taxxa tal-persuni mhux residenti, inklużi l-valutazzjonijiet tat-taxxa separati msemmija fl-Artikoli 219a, 219b u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 246, 2° u 3°; il-kontribuzzjonijiet ta' kriżi supplementari huma kkalkolati fuq dawn it-taxxi speċifiċi:

— qabel l-imputazzjoni tal-ħlasijiet bil-quddiem imsemmija fl-Artikoli 218, 226 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 246, 1°, u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 246, tat-taxxa fuq id-dħul, tal-perċentwali fissa ta' taxxa barranija u tal-kreditu ta' taxxa, imsemmija fl-Artikoli 277 sa 296;

— qabel applikazzjoni taż-żieda prevista fil-każ ta' assenza jew insuffiċjenza tal-ħlasijiet bil-quddiem imsemmija fl-ewwel inċiż".

15 Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 275^7 ta' dan l-istess kodiċi huwa redatt kif ġej:

"Ir-Re jista' jżid il-perċentwali prevista fit-tielet paragrafu b'digriet adottat wara konsultazzjoni fil-kunsill tal-ministri għall-persuni li jimpjegaw imsemmija f'dan l-artikolu li, jew jitqiesu bħala kumpanniji żgħar abbażi tal-Artikolu 15 tal-kodiċi tal-kumpanniji, jew huma persuni fiżiċi li jissodisfaw *mutatis mutandis* il-kriterji tal-imsemmi Artikolu 15. Ir-Re għandu jissottometti lill-kmamar leġiżlattivi, immedjatament jekk huma mlaqqa', inkella mal-ftuħ tal-eqreb laqgħa tagħhom, abbozz ta' liġi li tikkonferma digrieti adottati b'eżekuzzjoni ta' dan il-paragrafu."

16 L-Artikolu 51 tal-liġi tat-30 ta' Lulju 2013, li tistabbilixxi diversi dispożizzjonijiet, jipprevedi:

"L-Artikoli 43 sa 49 jidħlu fis-seħħ mis-sena ta' taxxa 2014.

Kull emenda magħmula mit-28 ta' Ġunju 2013 fid-data tal-għeluq tal-kontijiet annwali tibqa' mingħajr effett fir-rigward tal-applikazzjoni tal-miżuri riprodotti f'din is-subsezzjoni.

L-Artikolu 50 huwa applikabbli għar-remunerazzjonijiet imħallsa jew attribwiti mill-1 ta' Jannar 2014."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

17 X ippreżentat rikors quddiem il-Grondwettelijk Hof (qorti kostituzzjonali, il-Belġju) intiż għall-annullament tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jistabbilixxu l-*fairness tax*.

18 Il-qorti tar-rinviju tesponi li l-*fairness tax* hija valutazzjoni tat-taxxa separata mit-taxxa fuq il-kumpanniji u mit-taxxa fuq il-persuni mhux residenti li s-sistema tagħha hija prevista fl-Artikoli 43 sa 51 tal-liġi tat-30 ta' Lulju 2013, li tistabbilixxi diversi dispożizzjonijiet. Hija tapplika meta, għall-istess perijodu taxxabbli, dividendi jitqassmu u meta l-profitt taxxabbli tal-kumpannija jitnaqqas kollu jew parzjalment bl-applikazzjoni tad-diversi tnaqqis previst mis-sistema fiskali nazzjonali.

19 Fil-kuntest tar-rikors tagħha intiż għall-annullament ta' dawn l-Artikoli 43 sa 51, X sostniet, l-ewwel nett, li l-*fairness tax* tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment li tostakola l-għażla libera, mill-kumpanniji mhux residenti, tal-forma legali li taħtha huma beħsiebhom jeżerċitaw l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom fil-Belġju.

20 Fil-fatt, kumpannija mhux residenti li teżerċita attività ekonomika fil-Belġju permezz ta' sussidjarja tkun suġġetta b'mod indirett għall-*fairness tax* biss jekk din is-sussidjarja effettivament tqassmilha dividend fuq il-profitti tagħha, indipendentement minn jekk din il-kumpannija mhux residenti tqassamx jew le hija nnifisha, minbarra dan, dividend.

21 Min-naħa l-oħra, jekk kumpannija mhux residenti teżerċita attività ekonomika fil-Belġju permezz ta' stabbiliment permanenti, hija tkun suġġetta għall-*fairness tax* ladarba hija nnifisha twettaq it-tqassim ta' dividendi indipendentement minn jekk il-profitti tal-istabbiliment permanenti marrux lejn din il-kumpannija jew jekk ġewx irriżervati jew investiti mill-ġdid fil-Belġju jew le. Il-valur taxxabbli tal-imsemmija kumpannija jista' għalhekk ukoll jinkludi profitti magħmula minn din barra mill-Belġju, għas-sempliċi raġuni li din tal-aħħar ikollha stabbiliment permanenti fil-Belġju.

22 Barra minn hekk, il-*fairness tax* tikkostitwixxi wkoll diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità bejn kumpannija mhux residenti li teżerċita attività ekonomika fil-Belġju permezz ta' stabbiliment permanenti u kumpannija residenti, għaliex kumpannija mhux residenti tista' tiġi suġġetta għal din it-taxxa anki jekk it-totalità tal-profitti tal-istabbiliment permanenti tagħha Belġjan tkun ġiet irriżervata jew investita mill-ġdid fil-Belġju, filwaqt li dan ma huwiex il-każ jekk il-kumpannija residenti tirriżerva jew tinvesti mill-ġdid it-totalità tal-profitti tagħha f'dan l-Istat Membru.

23 Il-kunsill tal-ministri jqis li d-differenza fit-trattament allegata tirriżulta mill-karatteristiċi proprji ta' stabbiliment permanenti, peress li, bil-kontra ta' sussidjarja, stabbiliment permanenti ma jistax iqassam huwa nnifsu dividendi.

24 Fir-rigward tad-differenza fit-trattament allegata bejn kumpannija mhux residenti li teżerċita attività ekonomika fil-Belġju permezz ta' stabbiliment permanenti u kumpannija residenti, il-kunsill tal-ministri jindika li, sabiex jiġu evitati eventwali diskriminazzjonijiet, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni, sabiex tistabbilixxi l-bażi taxxabbli tal-*fairness tax* tal-kumpannija mhux residenti, tipprevedi l-kalkolu ta' dividend fittizju. Din il-leġiżlazzjoni ma tistabbilixxi, għaldaqstant, l-ebda differenza fit-trattament, iżda hija adattata għaċ-ċirkustanzi.

25 It-tieni nett, skont X, il-*fairness tax* għandha titqies bħala taxxa f'ras il-għajn, għaliex hija tinġabar fuq il-profitt imqassam mis-sussidjarja lill-kumpannija omm tagħha u, għaldaqstant, tmur kontra l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji li jipprevedi li l-profitti mqassma minn sussidjarja lill-kumpannija omm tagħha huma eżenti mit-taxxa f'ras il-għajn.

26 Il-kunsill tal-ministri jqis li l-*fairness tax* ma hijiex taxxa f'ras il-għajn moħbija, iżda valutazzjoni tat-taxxa separata, ikkalkolata skont id-dividendi mqassma li ma jidhrux fil-profitt taxxabbli tas-sussidjarja, għaliex kienu s-suġġett tat-tnaqqis għall-kapital ta' riskju u/jew tat-tnaqqis ta' telf ittrasferit.

27 It-tielet nett, X tqis li l-*fairness tax* jista' jkollha bħala effett li tissuġġetta profitti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji għal taxxa li teċċedi l-limitu massimu ta' 5 % previst fl-Artikolu 4(3) ta' din id-direttiva.

28 Fil-fatt, l-eżenzjoni ta' 95 % tal-profitti hija applikabbli biss jekk il-profitti rċevuti jkunu tqassmu immedjatament fis-sena. Jekk ikunu tqassmu matul sena sussegwenti, dawn il-profitti jkunu suġġetti għall-*fairness tax* għal parti ogħla minn 5 %, peress li l-fattur ta' proporzjonalità jieħu biss inkunsiderazzjoni profitti tas-sena u t-tnaqqis għall-kapital ta' riskju applikat għal dawn u/jew it-tnaqqis ta' telf ittrasferit magħmul matul din is-sena.

29 Skont il-kunsill tal-ministri, it-tqassim jew le ta' profitti huwa għażla strateġika tal-kumpannija omm. Il-*fairness tax* tvarja għall-istess kumpannija f'kull sena ta' taxxa, skont l-ammont tad-dividendi mqassma, l-applikazzjoni ta' tnaqqis għal kapital ta' riskju u d-daqs tal-profitt taxxabbli, u ma għandhiex bħala konsegwenza li tissuġġetta għat-taxxa parti tad-dividend li teċċedi l-limitu massimu ta' 5 %.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Grondwettelijk Hof (qorti kostituzzjonali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi sistema nazzjonali li fiha:
   a) il-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li għandhom stabbiliment stabbli fil-Belġju huma suġġetti għal taxxa meta jiddeċiedu li jqassmu profitti li ma humiex inklużi fir-riżultat taxxabbli finali tal-kumpannija (kemm jekk il-profitti tal-istabbiliment stabbli fil-Belġju kienu ġew ittrasferiti jew le lejn l-istabbiliment prinċipali), filwaqt li l-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li għandhom sussidjarja fil-Belġju ma humiex suġġetti għal tali taxxa meta jiddeċiedu li jqassmu profitti li ma humiex inklużi fir-riżultat taxxabbli finali, (kemm jekk is-sussidjarja tkun qassmet dividend jew le);
   b) il-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li għandhom stabbiliment stabbli fil-Belġju huma suġġetti għal taxxa f'każ ta' żamma sħiħa tal-profitti Belġjani, meta jiddeċiedu li jqassmu profitti li ma humiex inklużi fir-riżultat taxxabbli finali tal-kumpannija, filwaqt li l-kumpanniji Belġjani ma humiex suġġetti għal tali taxxa f'każ ta' żamma sħiħa tal-profitti?

2) […] [L]-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE, tat-30 ta' Novembru 2011, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali [parent] u sussidjarji ta' Stati Membri differenti, għandu jiġi interpretat li hemm taxxa f'ras il-għajn meta dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tipprevedi li t-tqassim ta' profitti ta' sussidjarja lill-kumpannija parent tagħha huwa suġġett għal taxxa, peress li dividendi jitqassmu matul l-istess perijodu taxxabbli u li r-riżultat fiskali jitnaqqas totalment jew parzjalment bit-tnaqqis għal kapital b'riskju u/jew bit-telf fiskali ttrasferit, filwaqt li l-profitti ma humiex taxxabbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jekk kienu baqgħu għand is-sussidjarja u ma tqassmux lill-kumpannija parent?

3) L-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2011/96 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi sistema nazzjonali li timponi taxxa fuq it-tqassim ta' dividendi, jekk din is-sistema għandha bħala konsegwenza li meta dividend riċevut jitqassam minn kumpannija matul sena sussegwenti għal dik li matulha hija stess kienet irċevietu, din hija intaxxata fuq parti mid-dividend li jaqbeż il-limitu previst fl-Artikolu 4(3), iċċitat iktar 'il fuq, tad-direttiva, filwaqt li dan ma huwiex il-każ meta din il-kumpannija tqassam mill-ġdid dividend matul is-sena meta hija tirċevih?"

Fuq id-domandi preliminari

31 Għandu, qabel kollox, jiġi osservat li, bid-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, applikabbli f'sitwazzjoni fejn l-ammont tal-profitti mqassma minn kumpannija – kemm jekk tkun kumpannija residenti, inkluża s-sussidjarja residenti ta' kumpannija mhux residenti, jew jekk tkun kumpannija mhux residenti li teżerċita attività f'dan l-Istat Membru permezz ta' stabbiliment permanenti –, wara l-użu ta' ċerti vantaġġi fiskali previsti mis-sistema fiskali nazzjonali tal-imsemmi Stat Membru, huwa ogħla mill-profitt taxxabbli finali ta' din il-kumpannija f'dan l-istess Stat Membru.

32 Mill-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li din il-leġiżlazzjoni fiskali għandha l-għan li tintaxxa d-dħul li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni fiskali tal-Istat Membru kkonċernat u li, minħabba tali użu, tqassam mingħajr madankollu ma ġie suġġett għat-taxxa fuq il-kumpanniji, fir-rigward tal-kumpanniji residenti, jew għat-taxxa fuq il-persuni mhux residenti, fir-rigward tal-kumpanniji mhux residenti, f'dan l-Istat Membru.

33 Minn dan il-proċess jirriżulta wkoll li l-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tieħu l-forma ta' valutazzjoni tat-taxxa separata mit-taxxa fuq il-kumpanniji u mit-taxxa fuq il-persuni mhux residenti, li r-rata tagħha hija ffissata għal 5.15 %. Il-bażi ta' din il-valutazzjoni hija kkostitwita mid-differenza pożittiva bejn, minn naħa, id-dividendi grossi mqassma għall-perijodu ta' taxxa u, min-naħa l-oħra, il-profitt taxxabbli finali, li effettivament huwa suġġett għar-rata ordinarja tat-taxxa fuq il-kumpanniji. Il-bażi taxxabbli stabbilita b'dan il-mod titnaqqas mill-parti tad-dividendi mqassma li joriġinaw minn riżervi ntaxxati preċedentement, u mhux iktar tard milli fis-sena ta' taxxa 2014. Il-bilanċ miksub huwa limitat b'koeffiċjent li jikkonsisti minn frazzjoni li tesprimi l-proporzjon bejn it-tnaqqis għal kapital ta' riskju u/jew għal telf ittrasferit għall-perijodu ta' taxxa, bħala numeratur, u l-profitt taxxabbli tal-perijodu ta' taxxa, bħala denominatur.

34 Sabiex tiġi kkalkolata l-bażi taxxabbli f'dak li jirrigwarda l-kumpanniji mhux residenti, din l-istess leġiżlazzjoni fiskali tipprevedi l-kalkolu ta' "dividend fittizzju". F'każ bħal dan, id-"dividendi mqassma" huma magħmula mill-parti tad-dividendi mqassma mill-kumpannija mhux residenti li tikkorrispondi għall-parti pożittiva tal-profitt kontabbli tal-istabbiliment permanenti Belġjan fil-profitt kontabbli globali ta' din il-kumpannija.

Fuq l-ewwel domanda

35 Sabiex tiġi eżaminata d-domanda kif magħmula, għandu qabel kollox jitfakkar li s-sede ta' kumpannija sservi sabiex jiġi ddeterminat, bħan-nazzjonalità tal-persuni fiżiċi, il-konnessjoni tagħha mal-ordinament ġuridiku ta' Stat (ara, fost l-oħrajn, is-sentenzi tat-28 ta' Jannar 1986, Il-Kummissjoni vs Franza, 270/83, EU:C:1986:37, punt 18, u tal-14 ta' Diċembru 2000, AMID, C-141/99, EU:C:2000:696, punt 20).

36 Għaldaqstant, l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għal sussidjarja residenti ta' kumpannija mhux residenti, minn naħa, u għal stabbiliment permanenti residenti ta' tali kumpannija, min-naħa l-oħra, tikkonċerna t-trattament fiskali, rispettivament, ta' kumpannija residenti u ta' kumpannija mhux residenti.

37 Madankollu, f'dan il-każ, huwa stabbilit li l-leġiżlazzjoni fiskali Belġjana inkwistjoni tittratta bl-istess mod il-kumpanniji residenti, inklużi s-sussidjarji residenti tal-kumpanniji mhux residenti, u l-kumpanniji mhux residenti, peress li dawn il-kumpanniji kollha huma suġġetti għall-*fairness tax*, ladarba jqassmu dividendi fiċ-ċirkustanzi deskritti fil-punti 31 u 32 ta' din is-sentenza.

38 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-domanda magħmula għandha tinftiehem fis-sens li hija intiża sabiex ikun magħruf jekk il-libertà ta' stabbiliment għandhiex tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li kemm kumpannija mhux residenti li teżerċita attività ekonomika f'dan l-Istat Membru permezz ta' stabbiliment permanenti kif ukoll kumpannija residenti, inkluża s-sussidjarja residenti ta' kumpannija mhux residenti, huma suġġetti għal taxxa bħall-*fairness tax*, meta dawn il-kumpanniji jqassmu dividendi li, minħabba l-użu ta' ċerti vantaġġi fiskali previsti mis-sistema fiskali nazzjonali, ma jinsabux fil-profitt taxxabbli finali tagħhom.

39 Il-libertà ta' stabbiliment li l-Artikolu 49 TFUE jirrikonoxxi liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, tinkludi għalihom l-aċċess għall-attivitajiet mhux imħallsa u l-eżerċizzju tagħhom kif ukoll il-kostituzzjoni u l-amministrazzjoni ta' impriżi taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk iddefiniti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat

Membru ta' stabbiliment għaċ-ċittadini tiegħu stess. Din tinkludi, skont l-Artikolu 54 TFUE, fir-rigward tal-kumpanniji stabbiliti skont il-liġijiet ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat jew it-tmexxija ċentrali jew is-sede prinċipali tagħhom ġewwa l-Unjoni, id-dritt li jeżerċitaw l-attività tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat permezz ta' sussidjarja, ta' fergħa jew ta' aġenzija (sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Fir-rigward tat-trattament fl-Istat Membru ospitanti, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, peress li t-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 49 TFUE tħalli b'mod espliċitu lill-operaturi ekonomiċi l-possibbiltà li jagħżlu liberament il-forma legali xierqa għall-eżerċizzju tal-attivitajiet tagħhom fi Stat Membru ieħor, din l-għażla libera ma għandhiex tiġi limitata b'dispożizzjonijiet fiskali diskriminatorji (digriet tal-4 ta' Ġunju 2009, KBC Bank u Beleggen, Risicokapitaal, Beheer, C-439/07 u C-499/07, EU:C:2009:339, punt 77 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

41 F'dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet fiskali, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li huwa kull Stat Membru li għandu jorganizza, filwaqt li jirrispetta d-dritt tal-Unjoni, is-sistema fiskali tiegħu rigward it-tassazzjoni ta' profitti, sakemm tali profitti jkunu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni fiskali tal-Istat Membru kkonċernat. Minn dan jirriżulta li l-Istat Membru ospitanti huwa liberu li jiddetermina l-fatt taxxabbli, il-bażi taxxabbli kif ukoll ir-rata ta' tassazzjoni li japplikaw għad-diversi forom ta' stabbiliment tal-kumpanniji li joperaw f'dan l-Istat Membru, sakemm il-kumpanniji mhux residenti jingħataw trattament li ma jkunx diskriminatorju meta mqabbel ma' dak tal-istabbilimenti nazzjonali komparabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, EU:C:2006:774, punt 47, kif ukoll tas-26 ta' Ġunju 2008, Burda, C-284/06, EU:C:2008:365, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Diskriminazzjoni tista' titnissel biss mill-applikazzjoni ta' regoli differenti għal sitwazzjonijiet komparabbli jew mill-applikazzjoni tal-istess regola għal sitwazzjonijiet differenti (sentenzi tal-14 ta' Frar 1995, Schumacker, C-279/93, EU:C:1995:31, punt 30, kif ukoll tal-1 ta' Diċembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-253/09, EU:C:2011:795, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 F'dan il-każ, huwa stabbilit li kumpannija mhux residenti li teżerċita attività ekonomika fil-Belġju permezz ta' stabbiliment permanenti u kumpannija residenti, inkluża s-sussidjarja ta' kumpannija mhux residenti, huma suġġetti, fil-prinċipju, għal trattament fiskali identiku, ladarba huma suġġetti għall-*fairness tax* meta huma jqassmu dividendi li, minħabba l-użu ta' ċerti vantaġġi fiskali previsti mis-sistema fiskali nazzjonali, ma jinsabux fil-profitt taxxabbli finali tagħhom.

44 Madankollu, sa fejn jirriżulta mill-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja li, b'mod differenti minn kumpannija residenti li hija suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji abbażi tad-dħul dinji tagħha, kumpannija mhux residenti li teżerċita attività ekonomika fil-Belġju permezz ta' stabbiliment permanenti hija suġġetta għat-taxxa f'dan l-Istat Membru biss abbażi tal-profitti li jagħmel dan l-istabbiliment permanenti, jista' jkun mod ieħor, u l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tkun tikkostitwixxi f'dak il-każ restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment, jekk il-mod ta' determinazzjoni tal-bażi taxxabbli tal-*fairness tax* iwassal, fil-fatt, sabiex din il-kumpannija mhux residenti tiġi ttrattata b'mod inqas vantaġġuż minn kumpannija residenti.

45 Skont il-Gvern Belġjan, billi tipprevedi l-kalkolu ta' dividend fittizzju għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-bażi taxxabbli tal-*fairness tax* ta' tali kumpannija mhux residenti, il-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ħadet inkunsiderazzjoni din id-differenza fil-mod ta' kalkolu tal-bażi taxxabbli u, għaldaqstant, hija intiża sabiex tevita eventwali diskriminazzjonijiet.

46 X u l-Kummissjoni Ewropea jqisu, min-naħa l-oħra, li dan il-mod ta' kalkolu jista' jwassal għal tassazzjoni iktar oneruża tal-kumpannija mhux residenti. F'dan ir-rigward, minn naħa, X issostni li, f'ċerti sitwazzjonijiet, l-imsemmi mod ta' kalkolu jwassal sabiex din il-kumpannija mhux residenti tiġi

ntaxxata fuq profitti oħra għajr dawk iġġenerati mill-istabbiliment permanenti Belġjan. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tosserva li l-kumpannija residenti, inkluża s-sussidjarja residenti ta' kumpannija mhux residenti, hija suġġetta għall-*fairness tax* biss meta hija effettivament tqassam dividendi, filwaqt li kumpannija mhux residenti li teżerċita attività ekonomika fl-Istat Membru kkonċernat permezz ta' stabbiliment permanenti hija suġġetta għal din it-taxxa meta hija tqassam dividendi, anki meta l-profitti ta' dan l-istabbiliment permanenti ma jkunux jagħmlu parti mid-dividendi mqassma minn din il-kumpannija mhux residenti.

47 F'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju, li hija l-unika kompetenti sabiex tinterpreta d-dritt nazzjonali, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha tal-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali u s-sistema fiskali nazzjonali sħiħa, li għandha tivverifika jekk il-mod ta' kalkolu tal-bażi taxxabbli jwassalx, fis-sitwazzjonijiet kollha, sabiex it-trattament fiskali rriżervat għal kumpannija mhux residenti li teżerċita l-attività tagħha fil-Belġju permezz ta' stabbiliment permanenti ma jkunx inqas vantaġġuż minn dak li għalih hija suġġetta kumpannija residenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et*, C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 48).

48 Fil-kuntest ta' din il-verifika, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija intiża sabiex tintaxxa profitti li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni fiskali Belġjana, imqassma, iżda li fuqhom dan l-Istat Membru, minħabba l-użu ta' ċerti vantaġġi fiskali previsti mis-sistema fiskali nazzjonali, ma eżerċitax din il-ġurisdizzjoni fiskali. Għaldaqstant, f'sitwazzjoni fejn il-mod ta' kalkolu tal-bażi taxxabbli ta' kumpannija mhux residenti jwassal sabiex din il-kumpannija tiġi ntaxxata anki fuq il-profitti li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni fiskali ta' dan l-Istat Membru, l-imsemmija kumpannija mhux residenti tiġi ttrattata b'mod inqas vantaġġuż minn dak ta' kumpannija residenti.

49 Jekk minn din il-verifika jirriżulta li jeżisti tali trattament, ikollu f'dak il-każ jitqies li leġiżlazzjoni fiskali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxi ostakolu għal-libertà ta' stabbiliment.

50 Tali ostakolu jista' jiġi ammess biss fil-każ li huwa jirrigwarda sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament komparabbli jew fil-każ li huwa ġġustifikat minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali (sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Għandu jitfakkar li n-natura komparabbli jew le ta' sitwazzjoni transkonfinali ma' sitwazzjoni interna għandha tiġi eżaminata b'teħid inkunsiderazzjoni tal-għan segwit mil-leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-342/10, EU:C:2012:688, punt 36, u tat-2 ta' Ġunju 2016, Pensioenfonds Metaal en Techniek, C-252/14, EU:C:2016:402, punt 48).

52 Fir-rigward ta' leġiżlazzjoni fiskali tal-Istat Membru ospitanti intiża sabiex jiġi evitat li l-profitti ġġenerati f'dan l-Istat, minħabba l-użu ta' ċerti vantaġġi fiskali previsti mis-sistema fiskali nazzjonali, jitqassmu mingħajr ma jkunu ġew intaxxati fir-rigward tal-persuna taxxabbli, is-sitwazzjoni ta' persuna taxxabbli mhux residenti li teżerċita attività ekonomika fl-imsemmi Stat Membru permezz ta' stabbiliment permanenti hija komparabbli għal dik ta' persuna taxxabbli residenti. Fil-fatt, fiż-żewġ każijiet, din il-leġiżlazzjoni fiskali hija intiża sabiex tippermetti lil dan l-istess Stat jeżerċita s-setgħa ta' tassazzjoni tiegħu fuq il-profitti li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni fiskali tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Novembru 2006, Kerckhaert u Morres, C-513/04, EU:C:2006:713, punt 19, kif ukoll tat-3 ta' Settembru 2014, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-127/12, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2130, punti 77 u 78).

53 Għaldaqstant, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, is-sitwazzjoni ta' kumpannija mhux residenti li teżerċita attività ekonomika fil-Belġju permezz ta' stabbiliment permanenti hija komparabbli ma' dik ta' kumpannija residenti, inkluża s-sussidjarja residenti ta' kumpannija mhux residenti.

54 Il-ġustifikazzjoni tar-restrizzjoni tista', għalhekk, tirrigwarda biss raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. Huwa wkoll neċessarju, f'din l-ipoteżi, li r-restrizzjoni tkun xierqa sabiex tiggarantixxi li l-għan li hija ssegwi jintlaħaq u li din ma teċċedix dak li huwa meħtieġ sabiex dan il-għan jintlaħaq (sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Il-Gvern Belġjan sostna li eventwali ostakolu għal din il-libertà jkun iġġustifikat b'żewġ raġunijiet ta' interess ġenerali, jiġifieri l-għan intiż sabiex jiggarantixxi t-tqassim ibbilanċjat tas-setgħat ta' tassazzjoni tal-Istati Membri u dak intiż għall-ġlieda kontra abbużi.

56 F'dan ir-rigward, biżżejjed jiġi kkonstatat li, jekk dawn iż-żewġ għanijiet jikkostitwixxu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw restrizzjoni fuq l-eżerċizzju tal-movimenti liberi ggarantiti mit-Trattat (ara s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2012, SIAT, C-318/10, EU:C:2012:415, punti 36 u 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex xierqa sabiex tiggarantixxi li huma jintlaħqu, b'tali mod li l-imsemmija għanijiet ma jistgħux jiġġustifikaw, f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, eventwali ostakolu għal-libertà ta' stabbiliment.

57 Fil-fatt, fl-ewwel lok, il-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali intiża sabiex tintaxxa l-profitti li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni fiskali Belġjana, imqassma mingħajr madankollu ma jkunu ġew intaxxati minn dan l-Istat Membru, bl-ebda mod ma hija intiża sabiex tqassam il-ġurisdizzjoni fiskali bejn ir-Renju tal-Belġju u Stat Membru ieħor.

58 Fit-tieni lok, peress li l-għan ta' din il-leġiżlazzjoni huwa li jiġi llimitat l-effett prodott bl-użu tal-vantaġġi fiskali previsti bis-sistema fiskali nazzjonali, hija ma hijiex intiża, minnha nnifisha, sabiex tevita l-eżistenza ta' prattika abbużiva.

59 Minbarra dan, eventwali ostakolu lanqas ma jista' jiġi ġġustifikat bil-fatt li l-imsemmija leġiżlazzjoni, f'ċerti sitwazzjonijiet, tista' twassal sabiex kumpannija mhux residenti li teżerċita attività ekonomika fil-Belġju permezz ta' stabbiliment permanenti tiġi ntaxxata b'mod iktar vantaġġuż minn kumpannija residenti.

60 Fil-fatt, il-fatt li leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali tqiegħed fi żvantaġġ il-kumpanniji mhux residenti ma jistax jiġi kkumpensat bil-fatt li, f'sitwazzjonijiet oħra, din l-istess leġiżlazzjoni tista' twassal għal trattament vantaġġuż għal dan it-tip ta' kumpanniji (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, Pensioenfonds Metaal en Techniek, C-252/14, EU:C:2016:402, punti 38 u 39).

61 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-libertà ta' stabbiliment għandha tiġi interpretata fis-sens li hija ma tipprekludix leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi li kemm kumpannija mhux residenti li teżerċita attività ekonomika f'dan l-Istat Membru permezz ta' stabbiliment permanenti kif ukoll kumpannija residenti, inkluża s-sussidjarja residenti ta' kumpannija mhux residenti, huma suġġetti għal taxxa bħall-*fairness tax*, meta dawn il-kumpanniji jqassmu dividendi li, minħabba l-użu ta' ċerti vantaġġi fiskali previsti mis-sistema fiskali nazzjonali, ma jkunux jinsabu fil-profitt taxxabbli finali tagħhom, sakemm il-mod ta' determinazzjoni tal-bażi taxxabbli ta' din it-taxxa ma jwassalx, fil-fatt, sabiex din il-kumpannija mhux residenti tiġi ttrattata b'mod inqas vantaġġuż minn kumpannija residenti, u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Fuq it-tieni domanda

62 Bit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi taxxa bħall-*fairness tax*, li għaliha huma suġġetti l-kumpanniji mhux residenti li jeżerċitaw attività ekonomika f'dan l-Istat

Membru permezz ta' stabbiliment permanenti kif ukoll il-kumpanniji residenti, inkluża s-sussidjarja residenti ta' kumpannija mhux residenti, meta huma jqassmu dividendi li, minħabba l-użu ta' ċerti vantaġġi fiskali previsti mis-sistema fiskali nazzjonali, ma jkunux jinsabu fil-profitt taxxabbli finali tagħhom.

63 Mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, sabiex taxxa tkun tista' tiġi kklassifikata bħala taxxa f'ras il-għajn, fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji, tliet kriterji kumulattivi għandhom jiġu ssodisfatti. B'dan il-mod, l-ewwel nett, it-taxxa għandha tingħabar fl-Istat li fih id-dividendi jitqassmu u l-fatt taxxabbli tagħha għandu jkun il-ħlas ta' dividendi jew kwalunkwe dħul ieħor minn ishma, it-tieni nett, il-bażi ta' din it-taxxa hija d-dħul mill-ishma u, it-tielet nett, il-persuna taxxabbli tkun id-detentur tal-istess ishma (ara, b'mod analogu, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2010, P. Ferrero e C. u General Beverage Europe, C-338/08 u C-339/08, EU:C:2010:364, punt 26 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

64 Għandu jiġi kkonstatat, bħalma għamlu l-partijiet fil-kawża prinċipali, li taxxa bħall-*fairness tax* inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tissodisfa l-ewwel żewġ kundizzjonijiet. Fil-fatt, minn naħa, il-fatt taxxabbli ta' din it-taxxa huwa t-tqassim ta' dividendi u, min-naħa l-oħra, għall-finijiet ta' kalkolu tal-bażi tagħha, jittieħed inkunsiderazzjoni l-ammont imqassam.

65 Madankollu, sa fejn il-persuna taxxabbli għal taxxa bħall-*fairness tax* ma hijiex id-detentur tal-ishma, iżda l-kumpannija li tqassam, it-tielet kundizzjoni ma hijiex issodisfatta.

66 Din l-evalwazzjoni ma hijiex ikkontestata bl-argument imressaq minn X u mill-Kummissjoni, li jgħid li f'dan il-każ għandu jiġi pprivileġġat approċċ ibbażat fuq evalwazzjonijiet ekonomiċi. F'dan ir-rigward, biżżejjed jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2008, Burda (C-284/06, EU:C:2008:365, punti 58 sa 62), diġà eskludiet tali approċċ.

67 Peress li t-tielet kundizzjoni, rigward l-eżistenza ta' taxxa f'ras il-għajn fis-sens tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji, ma hijiex issodisfatta, taxxa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax tikkostitwixxi taxxa f'ras il-għajn fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

68 Għaldaqstant, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi taxxa bħall-*fairness tax*, li għaliha huma suġġetti l-kumpanniji mhux residenti li jeżerċitaw attività ekonomika f'dan l-Istat Membru permezz ta' stabbiliment permanenti kif ukoll il-kumpanniji residenti, inkluża s-sussidjarja residenti ta' kumpannija mhux residenti, meta huma jqassmu dividendi li, minħabba l-użu ta' ċerti vantaġġi fiskali previsti mis-sistema fiskali nazzjonali, ma jkunux jinsabu fil-profitt taxxabbli finali tagħhom.

Fuq it-tielet domanda

69 Bit-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji, moqri flimkien mal-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu, għandux jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn din il-leġiżlazzjoni, f'sitwazzjoni fejn profitti rċevuti minn kumpannija omm mingħand is-sussidjarja tagħha jitqassmu minn din il-kumpannija omm wara s-sena li matulha huma ġew irċevuti, għandha bħala konsegwenza li tissuġġetta dawn il-profitti għal tassazzjoni li taqbeż il-limitu massimu ta' 5 % previst fl-imsemmija dispożizzjoni.

70 Mill-premessa 3 tad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji jirriżulta li din id-direttiva għandha l-għan li telimina t-taxxa doppja tal-profitti mqassma minn sussidjarja lill-kumpannija omm tagħha fuq il-livell tal-kumpannija omm.

71 Għal dan l-għan, l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji jħalli lill-Istati Membri l-għażla bejn żewġ sistemi, jiġifieri s-sistema ta' eżenzjoni u dik ta' imputazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, EU:C:2006:774, punt 44). Fil-fatt, skont il-premessi 7 u 9 ta' din id-direttiva, din id-dispożizzjoni tispeċifika li, meta kumpannija omm jew l-istabbiliment permanenti tagħha tirċievi, bis-saħħa tal-assoċjazzjoni bejn il-kumpannija omm u s-sussidjarja tagħha, profitti mqassma b'mod ieħor għajr fl-okkażjoni tal-likwidazzjoni ta' din tal-aħħar, l-Istat Membru tal-kumpannija omm u l-Istat Membru tal-istabbiliment permanenti tagħha jew jastjenu ruħhom milli jintaxxaw dawn il-profitti, jew jintaxxawhom filwaqt li jippermettu lill-kumpannija omm u lill-istabbiliment permanenti jnaqqsu mill-ammont tat-taxxa dovuta minnhom il-frazzjoni tat-taxxa marbuta ma' dawn il-profitti u mħallsa mis-sussidjarja u kwalunkwe subsussidjarja.

72 Madankollu, il-paragrafu 3 tal-imsemmi Artikolu 4 jipprevedi li l-Istati Membri jżommu l-fakultà li jipprevedu li imposti marbuta mal-investiment u mat-telf li jirriżulta mit-tqassim tal-profitti tal-kumpannija sussidjarja ma jistgħux jitnaqqsu mill-profitt taxxabbli tal-kumpannija omm. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta wkoll li, jekk, f'dan il-każ, l-ispejjeż ta' ġestjoni marbuta mal-investiment jiġu stabbiliti bħala rata fissa, tali ammont ma jistax jaqbeż 5 % tal-profitti mqassma mis-sussidjarja.

73 B'dan il-mod, l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva huwa intiż sabiex jiġi evitat li l-profitti mqassma lil kumpannija omm residenti minn sussidjarja mhux residenti jiġu ntaxxati, l-ewwel, għand is-sussidjarja fl-Istat ta' residenza tagħha u, imbagħad, għand il-kumpannija omm fl-Istat ta' residenza tagħha.

74 F'dan il-każ, għandu jiġi speċifikat, minn naħa, li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fit-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji, ir-Renju tal-Belġju għażel is-sistema ta' eżenzjoni. Minbarra dan, dan l-Istat Membru uża l-fakultà prevista fl-Artikolu 4(3) ta' din. Il-profitti li ġejjin mis-sussidjarji mhux residenti tal-kumpanniji omm Belġjani huma għaldaqstant eżentati sa 95 %.

75 Min-naħa l-oħra, huwa stabbilit li l-*fairness tax*, fl-ipoteżi li l-profitti mqassma lil kumpannija omm residenti minn sussidjarja mhux residenti jitqassmu minn din il-kumpannija omm wara s-sena li matulha huma ġew irċevuti, għandha l-konsegwenza li tissuġġetta dawn il-profitti għal taxxa li taqbeż il-limitu massimu ta' 5 % previst f'dan l-Artikolu 4(3), u, għaldaqstant, twassal għal taxxa doppja ta' dawn il-profitti.

76 Tqum allura l-kwistjoni dwar jekk tali taxxa doppja tmurx kontra d-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji.

77 Skont il-Gvern tal-Belġju u dak Franċiż, il-profitti mqassma mill-ġdid minn kumpannija omm lill-azzjonisti tagħha ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji, peress li din id-dispożizzjoni hija applikabbli biss meta kumpannija omm tirċievi profitti mqassma mis-sussidjarja tagħha.

78 Tali interpretazzjoni, li la tirriżulta mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, la mill-kuntest u lanqas mill-għan ta' din, ma tistax tiġi adottata.

79 Fil-fatt, fl-ewwel lok, billi tipprevedi li l-Istat Membru tal-kumpannija omm u l-Istat Membru tal-istabbiliment permanenti "iżommu lura milli jintaxxaw dan il-qligħ", l-imsemmija dispożizzjoni tipprojbixxi lill-Istati Membri milli jintaxxaw lill-kumpannija omm jew lill-istabbiliment permanenti tagħha fuq il-profitti mqassma mis-sussidjarja lill-kumpannija omm tagħha, mingħajr ma tagħmel distinzjoni skont jekk it-tassazzjoni tal-kumpannija omm għandhiex bħala fatt taxxabbli l-irċevuta ta' dawn il-profitti jew it-tqassim mill-ġdid tagħhom.

80 Fit-tieni lok, kif issemma fil-punti 70 u 71 ta' din is-sentenza, id-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji għandha l-għan li telimina t-taxxa doppja tal-profitti mqassma minn sussidjarja lill-kumpannija omm tagħha fuq il-livell tal-kumpannija omm. Tassazzjoni ta' dawn il-profitti

mill-Istat Membru tal-kumpannija omm għand din il-kumpannija waqt it-tqassim mill-ġdid ta' dawn tal-aħħar, li għandha bħala effett li tissuġġetta l-imsemmija profitti għal tassazzjoni li taqbeż, fil-fatt, il-limitu massimu ta' 5 % previst fl-Artikolu 4(3) ta' din id-direttiva, twassal għal taxxa doppja fuq il-livell tal-imsemmija kumpannija, ipprojbita mill-imsemmija direttiva.

81 Din il-konstatazzjoni ma hijiex, kif l-Avukat Ġenerali indikat, essenzjalment, fil-punt 54 tal-konklużjonijiet tagħha, ikkontestata bil-punt 105 tas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation (C-446/04, EU:C:2006:774), għaliex, fl-imsemmi punt, il-Qorti tal-Ġustizzja esprimiet ruħha biss fuq il-konformità mad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji ta' ċerti modalitajiet ta' kalkolu tal-ammont tal-pagament bil-quddiem tat-taxxa fuq il-kumpanniji meta kumpannija omm residenti tqassam mill-ġdid dividendi rċevuti minn sussidjarja mhux residenti, u mhux fuq il-konformità ma' din id-direttiva tal-ġbir, f'każ bħal dan, ta' din it-taxxa.

82 Għaldaqstant, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji, moqri flimkien mal-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn din il-leġiżlazzjoni, f'sitwazzjoni fejn profitti rċevuti minn kumpannija omm mingħand is-sussidjarja tagħha jitqassmu minn din il-kumpannija omm wara s-sena li matulha huma ġew irċevuti, għandha bħala konsegwenza li tissuġġetta dawn il-profitti għal tassazzjoni li taqbeż il-limitu massimu ta' 5 % previst fl-imsemmija dispożizzjoni.

Fuq l-ispejjeż

83 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-libertà ta' stabbiliment għandha tiġi interpretata fis-sens li hija ma tipprekludix leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi li kemm kumpannija mhux residenti li teżerċita attività ekonomika f'dan l-Istat Membru permezz ta' stabbiliment permanenti kif ukoll kumpannija residenti, inkluża s-sussidjarja residenti ta' kumpannija mhux residenti, huma suġġetti għal taxxa bħall-*fairness tax*, meta dawn il-kumpanniji jqassmu dividendi li, minħabba l-użu ta' ċerti vantaġġi fiskali previsti mis-sistema fiskali nazzjonali, ma jkunux jinsabu fil-profitt taxxabbli finali tagħhom, sakemm il-mod ta' determinazzjoni tal-bażi taxxabbli ta' din it-taxxa ma jwassalx, fil-fatt, sabiex din il-kumpannija mhux residenti tiġi ttrattata b'mod inqas vantaġġuż minn kumpannija residenti, u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.**

2) **L-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE, tat-30 ta' Novembru 2011, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali [omm] u sussidjarji ta' Stati Membri differenti, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi taxxa bħall-*fairness tax*, li għaliha huma suġġetti l-kumpanniji mhux residenti li jeżerċitaw attività ekonomika f'dan l-Istat Membru permezz ta' stabbiliment permanenti kif ukoll il-kumpanniji residenti, inkluża s-sussidjarja residenti ta' kumpannija mhux residenti, meta huma jqassmu dividendi li, minħabba l-użu ta' ċerti vantaġġi fiskali previsti mis-sistema fiskali nazzjonali, ma jkunux jinsabu fil-profitt taxxabbli finali tagħhom.**

3) **L-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/96, moqri flimkien mal-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn din il-leġiżlazzjoni, f'sitwazzjoni fejn profitti rċevuti minn kumpannija omm mingħand is-sussidjarja tagħha jitqassmu minn din il-kumpannija omm wara s-sena li matulha huma ġew irċevuti, għandha bħala konsegwenza li tissuġġetta dawn il-profitti għal tassazzjoni li taqbeż il-limitu massimu ta' 5 % previst fl-imsemmija dispożizzjoni.**

Firem